MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2004

Numru. 679/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**
**V**

**SAMUEL BORG**

**Il-Qorti;**

Rat li l-akkuzat **SAMUEL BORG** ta’ sbatax il-sena bin Ronald u Rita nee Ellul, imwieled Pieta nhar l-ghaxra ta' Settembru 1986 u residenti Blokk Indipendenza, Entratura E, Flat 8, Taz-Zwejt, San Gwann, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 434286M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fil-wiehed w ghoxrin ta' April 2004, ghall-habta tal-hamsa ta' filghodu:

1. Ikkommetta serq ta' flejjes u Hi Fi mill-fond kummnercjali 'Jetros Caffe' li jinsab f'Taz Zwejt, San Gwann ghad-dannu ta' Joseph Grech mill-Marsaxlokk, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-valur;

2. Talli bejn l-perjodu tal-wiehed u ghoxrin w it-tnejn u ghoxrin ta' Awissu 2004, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat;
3. Talli matul ix-xhur li ghaddew, gewwa l-Gzejjer ta' Malta kellu u garr fil-pussess tieghu strument li jaqta w bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
4. Talli kiser il-kundizzjonijiet tal-Qorti mposti fuqu nhar t-tmienja ta' Gunju 2004, b'sentenza definittiva moghtija mill-Magistrat Dottor Giovanni Grixti.

Rat l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat esibiti fl-atti a fol 5 et seq markati bhala dokument MT 1, MT 2 u MT 3 kif wkoll is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-konfront tal-imputat odjern datata tmienja ta' Gunju 2004 esibita a fol 29 mmarkata bhala dokument CSH 5.

Semghet lil imputat jiddikjara li m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Awissu 20042 u cioe fid-data meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif jirirzulta a fol 33 tal-atti odjerni u ghalhekk jfisser li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigu gudikat minn din il-Qoirti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu salv ghat-tieni akkuza u cioe dik ta' ricettazzjoni u dan kif registrat fl-atti fis-seduta tal-erbgha w ghoxrin ta' Awissu 2004 fil-presenza tal-Avukat Difensur tieghu, liema ammissjoni hija wahda voluntarja, spontanea w inkondizzjonata u giet registrata wara li l-istess imputat nghata zmien xieraq biex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu.

Illi fuq tali ammissjoni il-Qorti ghalhekk ssibu hati tal-ewwel [1], t-tielet [3] w r-raba [4] akkuza.

Illi dwar t-tieni [2] akkuza, din il-Qorti rat li giet moghtija mill-Prosekuzzjoni bhala akkuza alternattiva ghal akkuza principali ta' serq u peress li diga sabet lil imputat hati ta

din l-ewwel akkuza, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din t-tieni akkuza ta' ricettazzzjoni.
Semghet lil Prosekuzzjoni tiddikjara fis-seduta tal-erbgha w ghoxrin ta' Awissu 2004 li bl-ghajnuna tal-imputat r-res furtiva kollha giet irkuprata u li l-imputat ghamel tajjeb ghal hsarat kagjonati minnu kif wkoll irritorna l-flejjes misruqa minnu u li l-imputat kkopera bis-shih maghha tul l-investigazzjoni kollha tant li ghenha wkoll b'investigazzjoni ohra ta' portata zghira.

Illi dakinhar tal-erbgha w ghoxrin ta' Awissu 2004 peress li l-Qorti giet infurmata li l-imputat kien jinsab taht ordni ta' Probation u li kien qed jigi ggwidat minn Ivan Sultana, ordnat lil istess Probation Officer jhejji *pre sentencing inquiry report* fil-konfront tal-imputat bil-ghan li din il-Qorti taghmel gtustizzja kemm mas-socjeta kif wkoll mal-imputat fl-ghoti ta' piena.

Illi nhar s-sitta ta' Setembru 2004, l-Probation Officer Ivan Sultana ippresenta u halef r-relazzjoni tieghu li tinsab inserita fl-atti a fol 39 et seq markata bhala dokument IS. Minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li l-imputat ghandu problema ta' abbuz ta' droga u li ilu b'din l-problema ghal dan l-ahhar perjodu ta' sena u ghalhekk l-flus li jkollu ma jservuhx biex jissostanzja dan il-vizzju mishut, izda dan nonostante ma kienx lest li jibda programm residenzjali ghaliex jarah bhala esperjenza negattiva.

Illi jirrizulta li l-imputat diga ghamel tentattiv biex jsegwi programm residenzjali biex jindirizza din l-istess problema pero beda l-programm fis-sittax ta' Frar 2004 u waqaf minnu minn rajh fl-erbgha ta' April 2004. L-imputat baqa jsegwi xi sezzjonijiet mal-*key worker* tieghu pero anke l-ahhar sezzjoni tal-hamsa ta' Awissu 2004, falla.

**Joe Borg** rappresentant tal-Caritas xorta jemmen li l-imputat jista jiggwadanja ferm minn programm residenzjali u jemmen li dan il-programm huwa essenzjali ghal imputat. L-Ufficjal tal-Probation ghamel wkoll kuntatt ma Doctor Zammit Montebello li kien ippreskrivilu xi medicina DHC's ghal vizzju tad-droga pero dan it-tabib iddeskriva lil imputat bhala 'mohh ir-rih' u li jara d-droga bhala loghba u

li dejjem sab t-toroq biex ma jiffaccjax konsegwenzi serji. It-tabib jemmen wkoll li l-imputat ghandu jkollu struttura soda b'referenza ghal programm residenzjali. L-Ufficjal tal-Probation ikkonkluda li huwa mperattiv li l-imputat jindirizza din il-problema tant akuta u ghalhekk stante r-resistenza tieghu li jibda programm b'mod voluntarju, dan ghandu jinghata piena karcerarja bil-ghan li jissieheb fi programm ta' rihabilitazzjoni waqt li jkun qed jiskonta din is-sentenza.

Illi nhar t-tnax ta' Ottubru 2004 xehed **l-Probation Officer Ivan Sultana** fejn qal li l-imputat ghadu ghaddej fuq il-problema ta' tehid ta' droga tant li kull test ghal presenza ta' droga li sar fuq kampjun tal-urina tieghu, ta rizultat posittiva ghal presenza ta' droga.

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm din il-Qorti m'ghandix ghad-disposizzjoni taghha l-fedina penali tal-imputat, jirrizulta minn ezami tar-relazzjoni tal-Probation Officer li l-imputat inghata sentenza kriminali wahda u cioe dik moghtija fit-tmienja ta' Gunju 2004, minn din il-Qorti diversament preseduta, meta kien instab hati ta' serq aggravat w inghata probation order.

Illi ghalkemm jirrizulta wkoll li l-imputat ikkollobora mal-Prosekuzzjoni w irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, il-Qorti ma thossx li ghandha tkun klementi mieghu u dan fl-interess tieghu stess il-ghaliex huwa ghandu bzonn l-ghajnuna biex jindirizza l-problema tieghu t'abbuz ta' droga b'mod obligatorju u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi pietuzi, din il-Qorti hi tal-fehma li l-piena idoneja hija dik ta' prigunerija effettiva.

**Il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 261, 263, 267, 270, 278 u 334 tal-Kap 9 u l-artikolu 13 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat SAMUEL BORG hati tal-akkuzi kollha salv u b'eccezzjoni tat-tieni akkuza u cioe dik ta' ricettazzjoni, dwar liema akkuza din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri, u tikkundannah**

**komplessivament ghal piena karcerarja ta' tmintax il-xahar mill-lum.**

**Illi pero taghmel r-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita Korretiva ta' Kordin sabiex jipprepara lil imputat sabiex jibda programm biex jindirizza il-problema tieghu u taghti r-rakkomandazzjoni taghha wkoll sabiex filwaqt u matul il-preparament tieghu, l-imputat ma jinzammx fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin izda fl-isptar Monte Carmeli f'dik is-sezzjoni li tittratta ma pazjenti bi problema ta' tehid ta' droga.**

**In oltre, qed tpoggi lil imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum sabiex jkollu s-supervizzjoni u *monitoring* li tant huma necessarji ghalih.**

**Il-Qorti tordna li notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u taghmel r-rakkomandazzjoni taghha sabiex l-istess Direttur jappunta lil istess Probation Officer Ivan Sultana li diga hejja l-pre sentencing report dwar l-imputat probationer.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------